



Brussell, 30 ta' Jannar 2026
(OR. en)

17000/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0157(NLE)

LIMITE

UD 316
ENFOCUSTOM 227
FISC 380
ECOFIN 1775
MI 1081
COMER 194
TRANS 660

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE)
Nru 1186/2009 fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju
doganali bbażata fuq il-limitu

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1186/2009
fir-rigward tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni mid-dazju doganali bbażata fuq il-limitu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kapitolu V tat-Titolu II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009¹ jipprevedi l-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni għall-merkanzija mibgħuta direttament minn pajjiż terz lil kunsinnatarju fl-Unjoni f'kunsinni b'valur intrinsiku totali li ma jaqbiżx EUR 150. (l-“eżenzjoni bbażata fuq il-limitu”).
- (2) Sal-1 ta' Lulju 2021, il-VAT fuq l-importazzjoni kienet eżentata wkoll għall-importazzjoni ta' merkanzija b'valur li ma jaqbiżx EUR 22. Iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet ta' valur baxx wara t-tkabbir fenomenali tal-kummerċ elettroniku u l-faċilitazzjonijiet assoċjati għamlitha ta' sfida għall-awtoritajiet doganali biex jinfurzew il-konformità mar-rekwiżiti fiskali u mhux fiskali. Għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455² eliminat l-eżenzjoni mill-VAT fuq l-importazzjoni għal dik il-merkanzija ta' valur baxx biex jiġi protett id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri, biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għan-negozji kkonċernati u biex jiġu minimizzati l-piżijiet fuq dawk in-negozji. Fl-istess ħin, inżammet l-eżenzjoni mid-dazju doganali għall-merkanzija ta' inqas minn EUR 150. Madankollu, jidher li dan ħalla l-bieb miftuħ għall-abbuż sistematiku ta' dak il-limitu permezz ta' sottovalutazzjoni u qsim artifiċjali tal-kunsinni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali (ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1186/oj>).

² Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/2455/oj>).

- (3) F'ambjent doganali diġitalizzat fejn id-data elettronika hija disponibbli għall-merkanzija importata kollha irrispettivament mill-valur tagħha, iż-żamma ta' eżenzjoni mid-dazju doganali li kienet ġiet introdotta biex jiġi evitat il-piż amministrattiv sproporzjonat fuq l-awtoritajiet doganali, in-negozji u l-individwi privati ma għadhiex iġġustifikata. Fl-istess ħin, meta jitqiesu l-volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet ta' valur baxx, sar meħtieġ li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha b'mod aktar effiċjenti.
- (4) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi eliminata l-eżenzjoni bbażata fuq il-limitu u li jiġihassar il-Kapitolu V tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.
- (5) Minħabba l-isfidi li wera l-volum kbir ta' pakketti żgħar li jidħlu fl-Unjoni, kemm għall-konsumaturi kif ukoll għan-negozji Ewropej, huwa importanti li wieħed jipproċedi b'eliminazzjoni rapida tal-eżenzjoni bbażata fuq il-limitu. Madankollu, sakemm jiġi adottat il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni l-ġdid, li huwa mistenni li jistabbilixxi infrastruttura tal-IT ċentralizzata ġdida tal-Unjoni kruċjali għall-kalkolu u n-notifika effettivi tad-dejn doganali, jenħtieġ li tiġi introdotta miżura ta' natura temporanja għall-ammonti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 biex tiffaċilita l-implimentazzjoni konkreta tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni bbażata fuq il-limitu.

- (6) Skont dik il-miżura tranżizzjonali, l-għodod diġitali eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali ser ikollhom jintużaw biex jiġu ġestiti l-effetti prattiċi li jirriżultaw mill-eliminazzjoni tal-eżenzjoni bbażata fuq il-limitu. Minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi ta' dawk l-għodod fir-rigward taż-żieda enormi fl-operazzjonijiet li l-awtoritajiet doganali ser ikollhom bżonn jimmaniġġaw bħala konsegwenza, jenħtieġ li japplika trattament tariffarju temporanju simplifikat ibbażat fuq ammont ta' dazju doganali speċifiku uniku għal kull oġġett, mingħajr ma titqies l-oriġini tal-merkanzija u li jkopri merkanzija f'kunsinni b'valur intrinsiku li ma jaqbiżx total ta' EUR 150 għall-operaturi ekonomiċi kollha li jkunu rreġistraw għal, u li jagħmlu użu minn, l-iskema speċjali stabbilita fit-Titolu XII, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE³ (skema tal-Punt Uniku ta' Servizz għall-Importazzjonijiet, “l-iskema IOSS”) u għall-merkanzija f'kunsinna postali kif definita fl-Artikolu 1, il-punt (24), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446⁴. B'kuntrast ma' dan, jenħtieġ li t-Tariffa Doganali Komuni, kif prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁵, tkompli tapplika għall-operaturi l-oħra kollha mhux irreġistrati għall-iskema IOSS.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/112/oj>).

⁴ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/2446/oj).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

- (7) Jenħtieġ li l-miżura tranżizzjonali tapplika ukoll peress li l-klassifikazzjoni tariffarja għall-merkanzija kkonċernata fid-dikjarazzjoni doganali hija biss fil-livell tas-subintestaturi tas-Sistema Armonizzata, u b'hekk mhijiex speċifika biżżejjed biex tiddetermina d-dazju doganali eżatt abbażi tal-klassifikazzjoni tariffarja sħiħa skont in-Nomenklatura Magħquda stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87.
- (8) Minħabba l-volum kbir ta' pakketti żgħar li jidħlu fl-Unjoni li għandhom jiġu trattati mill-amministrazzjonijiet doganali, il-fażi qasira ta' implimentazzjoni u l-ħtieġa li jintużaw l-għodod tal-IT nazzjonali biex jiġi stabbilit it-trattament tariffarju temporanju simplifikat, jenħtieġ li tiġi rikonossuta l-isfida għall-Istati Membri biex jiżguraw l-implimentazzjoni Prattika tal-eliminazzjoni tal-eżenzjoni bbażata fuq il-limitu. Jekk ir-riżorsi proprji tradizzjonali bbażati fuq l-applikazzjoni tat-trattament tariffarju temporanju simplifikat jirriżultaw irrekuperabbli, dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni ta' jekk l-Istat Membru rilevanti għandux jinħeles mill-obbligu li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-ammonti li jikkorrispondu għal dazji stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 13(2), il-punt (b), tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014⁶.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (*ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39*, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/609/oj>).

- (9) Jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan ir-Regolament żewġ klawżoli ta' valutazzjoni u ta' rieżami; waħda sabiex jiġi vvalutat jekk issehxx devjazzjoni tal-flussi kummerċjali, b'mod partikolari lil hinn mill-iskema tal-IOSS u lejn skema mhux tal-IOSS, biex jiġi evitat li l-atturi jħallsu d-dazju temporanju b'rata fissa. Biex twettaq dik il-valutazzjoni, huwa importanti li l-Kummissjoni tagħmel użu mid-data għad-dispożizzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-objettiv tal-valutazzjoni u r-iezami l-oħra jkun li jiġi mmonitorjat il-progress fl-iżvilupp tal-infrastruttura tal-IT ċentralizzata l-ġdida tal-Unjoni li hija mistennija li tkun kruċjali għall-kalkolu u n-notifika effettivi tad-dejn doganali fit-tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku. Jenħtieġ li dik il-valutazzjoni titwettaq bil-ħsieb li jiġi ddeterminat jekk il-miżura tranżizzjonali stabbilita minn dan ir-Regolament teħtieġx li tiġi estiża.
- (10) F'konformita mal-prinċipju tal-proporzjonalita kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati, b'mod partikolari l-funzjonament bla xkiel tal-unjoni doganali u tas-suq uniku.
- (11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1186/2009 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Kapitolu V tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 jitħassar.

Artikolu 2

Mill-1 ta' Lulju 2026 sal-1 ta' Lulju 2028, għandu japplika dazju doganali ta' EUR 3 għal kull oġġett f'kunsinna li l-valur intrinsiku tagħha ma jaqbiżx total ta' EUR 150 minflok l-eżenzjoni eliminata b'konformità mal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, fejn:

- (a) l-importazzjoni tal-merkanzija hija eżentata mill-VAT f'konformità mal-Artikolu 143(1), il-punt (ca), tad-Direttiva 2006/112/KE; jew
- (b) il-merkanzija tkun f'kunsinna postali kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (24), tar-Regolament Delegat (UE) 2015/2446.

Artikolu 3

1. Sal-1 ta' Ottubru 2026 u kull xahar wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk issirx devjazzjoni tal-flussi kummerċjali. Jekk il-Kummissjoni tiddetermina li saret devjazzjoni tal-flussi kummerċjali, hija għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta għall-miżura tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 2 biex tkopri l-merkanzija kollha f'kunsinna li l-valur intrinsiku tagħha ma jaqbiżx total ta' EUR 150.

2. Sal-1 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk infrastruttura tal-IT ċentralizzata tal-Unjoni biex timponi dazji tal-importazzjoni fuq kunsinni ta' bejgħ mill-bogħod hijiex ser tkun realistikament operazzjonali sal-1 ta' Lulju 2028. Jekk il-Kummissjoni tiddetermina li mhijiex ser tkun operazzjonali sa dik id-data, hija għandha, fejn xieraq, tressaq proposta biex testendi l-miżura tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 2.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President